**KODIĊI TA' KONDOTTA U PRATTIKA GĦAL KAĊĊATURI TAL-FENEK SELVAĠĠ (ANKI BL-ARMI TAL-ARJA – AIR RIFLES)**

**DAWN IL-KODIĊI GĦANDHOM JIĠU OSSERVATI FLIEMKIEN MA' KODIĊI OĦRA LI TIPPUBLIKA MINN ŻMIEM GĦAŻ-ZMIEN IL-FEDARAZZJONI KAĊĊATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI (FKNK), LIEMA KODIĊI HUMA DIĠA ADOTTATI FL-ISTATUT TA' L-ISTESS FKNK**

REGOLAMENTI DWAR IL-KAĊĊA TAL FENEK SALVAĠĠ (SILTIET)…

1. EBDA PERSUNA MA TISTA' TIKKAĊĊJA GĦALL-FENEK SELVAĊĠĠ LI MA JKOLLIEX KARTA TA REGISTRAZZJONI LI TURI LI HU BIDWI , TALI PERSUNA TISTA TIKKAĊĊJA GĦAL FENEK SELVAĠĠ FUQ IR-RABA' TIEGĦU STESS MATUL L-ISTAĠUN MIFTUĦ . PERSUNA IL JKOLLHA KARTA TA' REGISTRAZZJONI TA' BIDWI TISTA' TGĦADDI DAN IL PERMESS LIL PERSUNA OHRA BIEX TIKKAĊĊJA L-FENEK SELVAĠĠ FUQ IR RABA TAGĦĦA BASTA LI JKOLLHA L-LIĊENZJA LI TAGĦMEL DAN.
2. L-ISTAĠUN MIFTUĦ GĦALL KAĊĊA TAL FENEK SELVAĠĠ TKUN MILL 1 TA ĠUNJU SA L-AĦĦAR TA' DIĊEMBRU.
3. EDBA PERSUNA MA GĦANDA , BEJN SAGĦTEJN WARA NŻUL IX-XEMX U SAGĦTEJN QABEL TLUGĦ IX-XEMX , TIKKAĊĊJA L-FENEK SELVAĠĠ.
4. EBDA PERSUNA MA GĦANDA TIKKAĊĊJA FENEK SELVAĠĠ BL'UŻU TA'DAWL ARTIFIĊJALI.
5. EBDA PERSUNA MA GĦANDA IĠĠORR ARMA IKKARGATA WAQT LI TKUN ANQAS MINN 200 METRU MINN KWALUNKWE BELT JEW RAĦAL, JEW F'POSTIJIET OĦRA ABITATI , JEW ANQAS MINN 50 METRU MINN TRIQ PRINĊIPALI U ATERJI . IŻDA FIL-KAZ TA' TOROQ SEKONDARJI DIN ID – DISTANZA MA TAPPLIKAX. IŻDA UKOLL, L-ARMA TAN-NAR MA GĦANDIEX TKUN IMMIRATA LEJN TRIQ, MOGHDIJA, JEW POST ABITAT.
6. EBDA PERSUNA MA GĦANDA IĠĠORR ARMA LI TKUN IKKARGATA U LI TKUN QIEGĦDA FIL-GĦATA (COVER) TAGĦĦA.

KODIĊI…

7. DEJJEM SPARA FID-DISTANZA LI INTI KONXJU LI KAPAĊI TOLQOT IL-KAĊĊA LI TISPARA FUQA. BIEX TKUN TAF KEMM IKUN DAN IT TUL, GĦAMEL IL-PROVI TIEGĦEK FUQ TARGET U MHUX FUQ IL–HAJ. ŻOMM LILEK INFUSEK AĠĠORNAT BILLI TITTRENJA TA' SPISS U B'HEKK ISIR TAF KEMM HIJA D-DISTANZA LI TKUN TAPPLIKA GĦALLIK.
8. ISSETTJA TELESCOPIC SIGHT JEW KWALUNKWA TIP TA' MIRA OĦRA QABEL TOĦROĠ GĦALL-KAĊĊA TAL FENEK.

9. BIEX IL-FENEK IMUT ZOPTU BLA MA JBATI, SPARA GĦAR-RASU PREFERIBILMENT META DAN IKUN LAĠEMBA.
10. QABEL TISPARA AĊĊERTA RUĦEK SEWWA U GĦARAF SEWWA FUQ DAK LI TKUN QED TIMMIRA FUQU.
11. ARA LI META TUŻA ARMA TAL-ARJA (AIR RIFLE), DIN TKUN TA SAĦĦA BIŻEJJED BIEX JOQTOL BLA MA JFERI. B'AIR RIFLE NORMALI TA' ĦDAX IL-'FOOT POUNDS', ID-DISTANZA TAT-TIR GĦANDHA TKUN LIMITATA GĦAL MHUX AKTAR MINN TLETTIN METRU ( BEJN WIEĦED U IEĦOR , ĦAMSIN PASS).
12. JEKK TFERI FENEK OQTLU BLA TELF TA' ŻMIEN, JEW B'DAQQA FUQ IL-KOZZ T'GĦONQU JEW B'TIR IEĦOR. TISPARAX FUQ FENEK LI JKUN QRIB IL BEJTA GĦAX TAF , JEKK DAN IKUN BISS FERUT , JITKAXKAR ĠOL BEJTA U JDUM MA JMUT.
13. FL-ARMA TAL-ARJA UŻA ĊOMB (PELLETS) LI JKUNU MAĦDUMIN APPOSTA GĦAL KAĊĊA, U MHUX DAWK IMMARKATI BĦALA ĊOMB GĦAT-TARGET SHOOTING.
14. META TISPARA GĦAL FENEK ARA LI JKOLLOK IR-RIĦ MA WIĊĊEK BIEX HUWA MA JXOMMOKX.
15. ARA LI MA TGĦAMILX ĦSARA FIR-RABA, IBŻA GĦAL UĊUH, ANNIMALI TAT-TROBBIJA, U PROPJETA OĦRA TAL-BIDWI.

SIGURTA' (SAFETY)…

16. QIS KULL ARMA BĦALLIKIEKU DIN TKUN IKKARGATA U ARA LI L-KANNA MA TKUNX TA' PERIKLU.
17. META TIĠI ARMA F'IDEJK IĊĊEKKJA LI MA TKUNX IKKARGATA.
18. QABEL TISPARA STUDJA FEJN JISTA JASAL IĊ-ĊOMBA LI KIEKU JKOLLOK TONQOS MILLI TOLQOT IL-FENEK.
19. ARA LI Ċ-ĊOMB MHUX SE JAQA L-BARRA MILL ART LI FUQA INT GĦANDEK PERMESS TISPARA, IMQARR JEKK DAN JAQA BIL-MEJJET. ŻOMM F'MOĦĦOK LI Ċ-ĊOMB JISTA JIŻGIĊĊA FI KWALUNKWA DIREZZJONI (ricochet).
20. FTAKAR LI KULL KAĊĊATUR JIĠI IĠĠUDIKAT SKOND L-AĠIR TIEGĦEK, GĦALHEKK ARA LI ĦADD MA JKUN F'POŻIZZJONI LI JIKKRITIKAK DWAR GĦEMILEK. ĦAJJAR LIL KAĊĊATURI SĦABEK JIKKAĊĊJAW B'MOD KORRETT.
21. FUQ KOLLOX, ĦADDEM RASEK U ARA LI MA TKUNX TA PERIKLU GĦAL ĦADD. IRRISPETTA L-AMBJENT NATURALI U TĦALLIX SKART WARAJK. JEKK IL-BIDWI LI JKUN TAK PERMESS BIEX TISPARA FUQ IR-RABA TIEGĦU JKUN JOQGĦOD F'DAWK L-INĦAWI , ARA LI TIRRINGRAZZJAH QABEL TMUR LURA D-DAR U TKUN ĦAĠA SABIĦA LI TAQSAM MIEGĦU DAK LI TKUN QBAD.
22. L-ARMA HIJA GĦODDA PREZJUŻA, IBŻA GĦALIHA GĦAX JEKK MA TGĦAMILX HEKK, TAF LI ĦSARA U NKWIET ISSIB, META MHUX UKOLL DIN TKUN TA PERIKLU.

23. META TASAL LURA D-DAR ARA LI L-ARMA TKUN NADIFA U LI MA TKUNX IMXARBA, QABEL TWARRABA IMSAĦ IL-ĦADID – KANNA, ETC. B’ĊARRUTA NIEDJA BIZ-ZEJT JEW IMSAĦA BI ĊARRUTA TAS-SILICONE. GĦAT-TINDIF UŻA GĦODDA XIERQA (CLEANING KIT) U ŻEJT KIF ISPECIFIKAT MILL FABBRIKA. QABEL TUŻA L-ARMA ARA LI MA JKUNX FADAL EBDA TRAĊĊA TA’ ŻEJT FIL-ĠEWWIENI TAL-KANNA.
24. ĠIB RUĦEK B’MOD EŻEMPLARI, IMXI SKOND IL-LIĠI U IRRISPETTA L-AWTORITAJIET. JEKK IKOLLOK XI DUBJU DWAR XI PARTI MIR-REGOLAMENTI IKKUNTITTJA L-FKNK JEW LIL PULIZIJA.

**IL-ĠEJJIENI TAN-NAMRA TAGĦNA**
**JIDDEPENDI FUQ L’AĠIR TIEGĦEK UKOLL.**